IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.6.2015
COM(2015) 314 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar l-obbligazzjonijiet impliċiti b'impatt potenzjali fuq il-baġits pubbliċi

MT MT

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar l-obbligazzjonijiet impliċiti b'impatt potenzjali fuq il-baġits pubbliċi**

# WERREJ


1. SFOND ....... 2
2. ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-ĠBIR TA' DEJTA MILL-EUROSTAT FIL-KUNTEST TAD-DIRETTIVA 2011/85/UE ....... 3
2.1. Rappurtar tal-obbligazzjonijiet fil-kuntest tal-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2011/85/UE ....... 3
2.2. Puntwalità ....... 3
2.3. Deskrizzjoni tal-indikaturi ....... 4
2.3.1. Garanziji tal-gvern ....... 4
2.3.2. PPP barra l-karta bilanċjali ....... 4
2.3.3. Selfiet improduttivi tal-Gvern Ġenerali ....... 5
2.3.4. Obbligazzjonijiet ta' entitajiet ikkontrollati mill-gvern li huma kklassifikati barra mill-gvern ġenerali (korporazzjonijiet pubbliċi) ....... 5
3. RIŻULTATI TAL-EWWEL ĠBIR TA' DEJTA MILL-EUROSTAT DWAR L-OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI ....... 5
3.1. Kompletezza u kopertura tad-dejta ....... 6
3.1.1. Garanziji tal-gvern ....... 6
3.1.2. PPP barra l-karta bilanċjali ....... 6
3.1.3. Selfiet improduttivi ....... 6
3.1.4. Obbligazzjonijiet ta' entitajiet ikkontrollati mill-gvern li huma kklassifikati barra mill-gvern ġenerali ....... 7
3.2. Kumparabbiltà tad-dejta ....... 7
4. ĠABRIET TA' DEJTA OĦRA MILL-EUROSTAT ....... 8
4.1. Obbligazzjonijiet kontinġenti tal-gvern lejn is-settur finanzjarju ....... 8
4.2. Sorsi oħra ta' dejta tal-Eurostat ....... 8
5. KONKLUŻJONIJIET ....... 9

## 1. SFOND

L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea[1] (ESA 2010) jitlob li sal-2014 il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-informazzjoni eżistenti dwar is-sħubijiet pubbliċi-privati (PPP) u obbligazzjonijiet impliċiti oħra, inklużi l-obbligazzjonijiet kontinġenti, barra mill-gvern.[2]

L-obbligazzjonijiet huma msejħa *kontinġenti* fis-sens li min-natura tagħhom huma biss obbligazzjonijiet potenzjali u mhux obbligazzjonijiet attwali. Ir-rilevanza li tinġabar din it-tip ta' informazzjoni hija rikonoxxuta espliċitament mill-ESA2010, paragrafu 5.11: *'Għalkemm l-assi u l-obbligazzjonijiet kontinġenti ma jiġux reġistrati fil-kontijiet, dawn huma importanti għall-politika u għall-analiżi, u l-informazzjoni dwarhom jeħtieġ tinġabar u tiġi ppreżentata bħala dejta supplimentari. Anki jekk jista' ma jkun dovut l-ebda pagament għall-assi kontinġenti u għall-obbligazzjonijiet kontinġenti, livell għoli ta' kontinġenzi jista' jindika livell mhux mixtieq ta' riskju min-naħa ta' dawk l-unitajiet li joffruhom.''* Għandu jiġi sottolinjat ukoll li l-obbligazzjonijiet kontinġenti mhumiex parti mid-dejn tal-gvern kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea[3].

Dan ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-informazzjoni disponibbli għall-Eurostat. Jiffoka prinċipalment fuq l-obbligazzjonijiet kontinġenti miġbura mill-Eurostat fil-kuntest tat-tisħiħ tal-governanza ekonomika tal-UE li seħħ fl-2011 (is-'six-pack'), u b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri[4]. L-Artikolu 14(3) ta' din id-Direttiva stabbilixxa rekwiżiti statistiċi ġodda għall-Istati Membri:

*"Għas-sottosetturi kollha tal-gvern ġenerali, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw l-informazzjoni rilevanti dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti b'impatti potenzjalment kbar fuq il-baġits pubbliċi, fosthom il-garanziji tal-gvern, is-self inadempjenti u l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-operat ta' korporazzjonijiet pubbliċi, inkluż id-daqs tagħhom. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw ukoll l-informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-gvern ġenerali fil-kapital ta' korporazzjonijiet pubbliċi u privati fir-rigward ta' ammonti ekonomikament sinifikanti".*

Id-dejta miġbura fil-kuntest tad-Direttiva msemmija hawn fuq hija s-sors prinċipali ta' informazzjoni relatata mal-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-gvern fl-Istati Membri. Barra minn hekk, jeżistu ġabriet oħra ta' dejta tal-Eurostat (jiġifieri t-

[1] ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1.
[2] Ir-rapport huwa kkompilat wara l-iskadenza tar-Regolament sabiex tkun tista' tiġi inkluża l-informazzjoni rilevanti dwar ir-riżultati tal-ewwel ġbir ta' dejta mill-Eurostat dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti li seħħ fl-aħħar ta' Diċembru tal-2014.
[3] ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.
[4] ĠU L 306, 23.11.2011, p. 41.

*Tabella supplimentari għall-kriżi finanzjarja, il-kwestjonarju relatat mal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (EDP), eċċ.)* li jipprovdu informazzjoni limitata u/jew kunfidenzjali dwar tipi partikolari ta' obbligazzjonijiet kontinġenti. L-ambitu tal-informazzjoni disponibbli minn dawn is-sorsi se jiġi ppreżentat ukoll f'dan ir-rapport.

## 2. ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-ĠBIR TA' DEJTA MILL-EUROSTAT FIL-KUNTEST TAD-DIRETTIVA 2011/85/UE

### 2.1. Rappurtar tal-obbligazzjonijiet fil-kuntest tal-Artikolu 14(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE

Sabiex jassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti statistiċi ġodda tad-Direttiva, l-Eurostat mexxa Task Force f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u d-DĠ ECFIN[5]. Ir-rapport finali tiegħu jipprovdi, fost l-oħrajn, sett ta' mudelli u noti relatati li jindikaw il-metodoloġija, l-ambitu tal-informazzjoni obbligatorja, il-perjodiċità u l-puntwalità għall-pubblikazzjoni nazzjonali u mill-Eurostat ta' dejta dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti.

Ir-rapport jispeċifika li l-Eurostat għandu jiġbor u jippubblika l-indikaturi magħżula relatati mal-obbligazzjonijiet kontinġenti, jiġifieri *garanziji tal-gvern, sħubijiet pubbliċi-privati (PPP) barra l-karta bilanċjali, obbligazzjonijiet ta' entitajiet ikkontrollati mill-gvern li huma kklassifikati barra mill-gvern ġenerali (korporazzjonijiet pubbliċi) u selfiet improduttivi (assi tal-gvern)*. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw l-istess indikaturi fuq livell nazzjonali u, barra minn hekk, id-dejta dwar il-parteċipazzjoni tal-gvern fil-kapital tal-korporazzjonijiet.

Il-bidliet meħtieġa fis-sistema ta' ġbir tal-Eurostat ġew formalizzati permezz tal-introduzzjoni ta' suppliment tal-kwestjonarju dwar l-EDP, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(2d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009. Il-mudelli u l-gwida għall-implimentazzjoni ngħataw fid-deċiżjoni tal-Eurostat tat-22 ta' Lulju 2013 dwar *Suppliment dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti u l-obbligazzjonijiet potenzjali tal-kwestjonarju marbut mal-EDP*[6]. Din id-deċiżjoni tispeċifika wkoll li d-dejta dwar l-obbligazzjonijiet ta' entitajiet ikkontrollati mill-gvern li huma kklassifikati barra mill-gvern ġenerali (korporazzjonijiet pubbliċi) għandha tinġabar mill-Eurostat abbażi tal-informazzjoni li diġà inġabret permezz tal-Kwestjonarju dwar l-unitajiet ikkontrollati mill-gvern li huma kklassifikati barra mill-gvern ġenerali li ġie introdott fl-2011[7].

L-indikaturi kollha għandhom jiġu rrappurtati lill-Eurostat f'miljuni, fil-munita nazzjonali, fil-livell ta' sottosetturi individwali tal-gvern ġenerali. Il-metadejta li tikkjarifika l-kompletezza, id-definizzjonijiet, l-użu tal-estimi jew il-puntwalità tad-dejta għandhom jingħataw lill-Eurostat flimkien mad-dejta.

### 2.2. Puntwalità

Id-dejta dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti għandha tiġi trażmessa lill-Eurostat kull sena qabel il-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara (T+12-il xahar) mill-awtoritajiet

[5] Fl-2012 seħħew tliet laqgħat tat-Task Force: fid-29 ta' Ġunju, fil-5 ta' Settembru u fis-6 ta' Novembru.

[6] http://ec.europa.eu/eurostat/documents/1015035/2041337/ESTAT-decision-Suppl-on-conting-liab-EDP-Q.pdf/0b35165a-ee53-470a-a15a-7beaa98aac8b

[7] Il-kwestjonarju rċieva opinjoni pożittiva mis-CMFB fl-2011. Id-dejta tinġabar fuq bażi annwali u l-ewwel trasmissjoni ta' dejta saret f'Diċembru 2012.

nazzjonali tal-istatistika, flimkien mal-Kwestjonarju dwar l-unitajiet ikkontrollati mill-gvern li huma kklassifikati barra mill-gvern ġenerali. L-ewwel trażmissjoni ta' dejta seħħet f'Diċembru tal-2014 u kienet tkopri s-sena 2013, filwaqt li d-dejta għall-perjodu mill-2010 sal-2012 kienet irrappurtata fuq bażi volontarja. Fil-każ tal-garanziji, id-dejta għas-snin ta' qabel kienet meħtieġa fuq bażi obbligatorja. L-intenzjoni hija li gradwalment tinbena serje taż-żmien u eventwalment l-erba' snin preċedenti jiġu koperti fir-rigward tal-indikaturi kollha fir-rappurtar regolari.

## 2.3. Deskrizzjoni tal-indikaturi

Din is-sezzjoni tippreżenta l-kunċetti u d-definizzjonijiet maqbula għall-pubblikazzjoni tad-dejta dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti, filwaqt li l-applikazzjoni tagħhom mill-Istati Membri fid-dejta mogħtija lill-Eurostat hija deskritta fis-sezzjoni 3.

### *2.3.1. Garanziji tal-gvern*

L-Eurostat jiġbor informazzjoni dwar l-ammont pendenti tal-garanziji mogħtija mill-gvern ġenerali. Huma koperti mir-rappurtar dawk il-garanziji biss mogħtija lil unitajiet ikklassifikati barra mill-gvern ġenerali. Hija disponibbli analiżi skont is-sottosettur għajr għall-fondi tas-sigurtà soċjali. L-informazzjoni hija espressa fi stokk totali ta' garanziji, eskluż id-dejn diġà assunt mill-gvern, kif irreġistrat fil-kontijiet tal-ESA 2010. Id-dejta hija rrappurtata f'valur nominali.

Id-dejta tkopri kemm il-garanziji ta' darba kif ukoll il-garanziji standardizzati. Garanzija ta' darba hija definita bħala individwali, u l-garanti ma jistgħux jagħmlu stima affidabbli tar-riskju ta' eżerċitar. Il-garanziji ta' darba huma marbuta mal-istrumenti ta' dejn (eż. selfiet, bonds). Hija disponibbli analiżi addizzjonali għall-garanziji ta' darba mogħtija lil korporazzjonijiet pubbliċi u korporazzjonijiet finanzjarji. Il-garanziji standardizzati huma garanziji li jinħarġu f'numri kbar, ġeneralment għal ammonti pjuttost żgħar, fuq linji identiċi. Mhuwiex possibbli li jiġi stmat eżattament ir-riskju ta' inadempjenza ta' kull selfa iżda huwa possibbli li jiġi stmat kemm, minn numru kbir ta' tali selfiet, se jsiru inadempjenti. Fost l-eżempji nsibu l-garanziji fuq is-self ipotekarju, il-garanziji fuq is-self lill-istudenti, eċċ.

### *2.3.2. PPP barra l-karta bilanċjali*

Sħubijiet pubbliċi-privati (PPP)[8] rreġistrati barra l-karta bilanċjali tal-gvern huma l-assi li ma jkunux ikkunsidrati bħala proprjetà tal-gvern fuq livell ekonomiku u l-formazzjoni grossa ta' kapital fiss ma tiġix irreġistrata bħala nefqa tal-gvern fil-mument li tiġġarrab.

L-Eurostat jiġbor dejta dwar l-obbligazzjonijiet pendenti kollha li jiġu rreġistrati barra l-karta bilanċjali. Dawn għandhom jiġu espressi fil-valur aġġustat tal-kapital li jikkorrispondi għal valur kuntrattwali inizjali tal-kapital li progressivament jitnaqqas maż-żmien bl-ammont ta' "deprezzament ekonomiku" li jkun ġie kkalkolat abbażi ta' stimi jew ta' dejta attwali. Il-valur aġġustat tal-kapital jirrifletti l-valur kurrenti tal-assi fil-mument tar-rappurtar. L-ammont jirrappreżenta stima tal-formazzjoni grossa ta' kapital fiss u l-impatt tad-dejn f'każ li l-gvern ikollu jieħu f'idejh l-assi

[8] Sħubijiet pubbliċi-privati (PPP) kif definiti mill-ESA 2010, paragrafu 20.276 u dettaljati ulterjorment mill-Manwal tal-Eurostat dwar id-Defiċit u d-Dejn tal-Gvern, parti VI.4.

matul id-durata tal-kuntratt. Id-dejta tinġabar għall-gvern ġenerali u mis-sottosetturi kollha u tiġi rrappurtata f'valur nominali.

### 2.3.3. *Selfiet improduttivi tal-Gvern Ġenerali*

L-informazzjoni dwar l-istokk ta' selfiet improduttivi (assi tal-gvern) ipprovduti mill-gvern ġenerali tinġabar. Selfa tkun improduttiva meta l-pagamenti tal-imgħax jew tal-kapital ikunu ttardjaw b'90 ġurnata jew aktar, jew il-pagamenti tal-imgħax ta' 90 ġurnata jew aktar ikunu ġew kapitalizzati, rifinanzjati jew ittardjati bi ftehim, jew il-pagamenti jkunu ttardjaw b'inqas minn 90 jum, iżda jkun hemm raġunijiet tajbin oħra (bħal rikjesta ta' falliment minn debitur) biex wieħed jiddubita li l-pagamenti jkunu se jsiru b'mod sħiħ. Iċ-ċifra kkonsolidata għall-gvern ġenerali u d-dettalji skont is-sottosettur isiru aċċessibbli għall-pubbliku.

### 2.3.4. *Obbligazzjonijiet ta' entitajiet ikkontrollati mill-gvern li huma kklassifikati barra mill-gvern ġenerali (korporazzjonijiet pubbliċi)*

L-entitajiet ikkontrollati mill-gvern huma unitajiet li għalihom il-gvern ikollu l-kapaċità li jiddetermina l-politika ġenerali jew il-programm ġenerali (ESA2010, paragrafu 20.18)[9]. Dawk l-entitajiet ikkontrollati mill-gvern huma kklassifikati barra mill-gvern ġenerali fil-biċċa l-kbira tal-każijiet minħabba l-imġiba tagħhom bħala unitajiet tas-suq.

L-obbligazzjonijiet tal-entitajiet ikkontrollati mill-gvern li huma kklassifikati barra mill-gvern ġenerali (korporazzjonijiet pubbliċi) huma definiti bħala l-istokk ta' obbligazzjonijiet fl-aħħar tas-sena, abbażi tal-kontijiet kummerċjali tal-korporazzjonijiet. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu liema kunċett jużaw għar-rappurtar, jiġifieri jew il-kunċett tal-kontijiet kummerċjali (li jinkludi l-obbligazzjonijiet kollha mir-rapporti finanzjarji tal-kumpanija) jew il-kunċett tal-kontijiet nazzjonali (li jeskludi kontijiet pagabbli oħra). Jekk tkun disponibbli, tista' tiġi rrappurtata wkoll id-dejta dwar l-obbligazzjonijiet għall-entrati tad-dejn ta' Maastricht.

Id-dejta tkopri unitajiet ikkontrollati mill-gvern li jirrappurtaw obbligazzjonijiet li jkunu ogħla minn 0.01 % tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) u li jkunu kklassifikati skont l-ESA2010 fis-setturi tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji, tal-korporazzjonijiet finanzjarji u tal-bqija tad-dinja. Id-dejta hija rrappurtata għal unitajiet individwali u mhux għall-kontijiet ta' gruppi kkonsolidati.

Id-dejta tipprovdi analiżi tal-obbligazzjonijiet ta' unitajiet involuti f'attivitajiet finanzjarji[10] u tal-obbligazzjonijiet ta' unitajiet involuti f'attivitajiet oħra, fosthom unitajiet mhux finanzjarji li jagħmlu t-telf. Barra minn hekk, is-sottosettur tal-gvern ġenerali li jwettaq il-kontrolli huwa identifikabbli wkoll mid-dejta.

## 3. RIŻULTATI TAL-EWWEL ĠBIR TA' DEJTA MILL-EUROSTAT DWAR L-OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI

F'Diċembru tal-2014, għall-ewwel darba, l-Eurostat ġabar id-dejta dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti. L-Istati Membri kollha bagħtu d-dejta lill-Eurostat

[9] Għandu jiġi kkunsidrat sett ta' indikaturi sabiex jiġi determinat il-kontroll tal-gvern (id-dettall dwar kull kriterju huwa definit fl-ESA 2010, paragrafu 20.309).

[10] L-obbligazzjonijiet tal-unitajiet involuti f'attivitajiet finanzjarji jinkludu l-kategoriji NACE li ġejjin: (64) Attivitajiet ta' servizzi finanzjarji, ħlief il-Bank Ċentrali, (65) Attivitajiet tal-assigurazzjoni, (66) Attivitajiet awżiljarji għas-servizzi finanzjarji.

qrib l-iskadenza għar-rappurtar. Fl-10 ta' Frar 2015, l-Eurostat ippubblika ċ-ċifri f'miljuni, fil-munita nazzjonali, u f'perċentwal tal-PDG[11] fil-bażi tad-dejta tiegħu[12] flimkien mal-metadejta relatata u n-noti f'qiegħ il-paġna speċifiċi għall-pajjiż[13]. Inħarġet ukoll stqarrija ta' akkumpanjament għall-istampa[14]. Ir-riżultati prinċipali huma ppreżentati fl-Anness 1 ta' dan ir-rapport.

## 3.1. Kompletezza u kopertura tad-dejta

L-Istati Membri kollha pprovdew is-Suppliment komplut dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti u l-obbligazzjonijiet potenzjali kif ukoll tweġiba għall-Kwestjonarju dwar l-entitajiet ikkontrollati mill-gvern li huma kklassifikati barra mill-gvern ġenerali. Il-kompletezza tad-dejta tvarja skont l-indikatur u skont l-Istat Membru.

### *3.1.1. Garanziji tal-gvern*

L-Istati Membri kollha pprovdew ċifri għall-garanziji totali tal-gvern għall-gvern ġenerali mill-2010 sal-2013. Fil-każ ta' Franza, il-Kroazja u s-Slovenja, dan l-aggregat ma jkoprix is-sottosettur tal-gvern lokali fejn mhix disponibbli dejta. Fil-każ tad-Danimarka, id-dejta għall-gvern lokali hija disponibbli biss mill-2013 'il quddiem.

Rigward il-garanziji standardizzati, ma hemmx dejta mill-Belġju, mill-Kroazja u mill-Portugall għas-sottosetturi kollha tal-gvern. Fil-każ tad-Danimarka, ta' Franza u tal-Polonja, mhix disponibbli dejta dwar il-garanziji standardizzati fuq livell tal-gvern lokali. Fil-każ tal-Italja, id-dejta għall-gvern lokali tinkludi kemm il-garanziji ta' darba kif ukoll il-garanziji standardizzati u mhijiex maqsuma. Fil-każ tal-Ġermanja, dejta għall-istokk totali ta' selfiet koperti b'garanziji standardizzati hija disponibbli biss għall-akbar skema ta' garanzija li hija organizzata mill-gvern ċentrali, filwaqt li mhix disponibbli dejta dwar l-istokk ta' selfiet koperti biż-żewġ skemi l-oħra ta' garanziji standardizzati.

### *3.1.2. PPP barra l-karta bilanċjali*

Il-pajjiżi kollha pprovdew dejta dwar il-PPP barra l-karta bilanċjali għall-2013. Maġġoranza kbira tal-pajjiżi rrappurtaw ukoll ċifri mill-2010 sal-2012. Id-dejta mhijiex eżawrjenti għall-Awstrija fejn il-gvern ċentrali mhuwiex kopert, u għar-Renju Unit fejn mhix disponibbli dejta għall-gvern lokali. Fil-każ tal-Ġermanja, l-assi tal-proġetti PPP kollha huma rreġistrati fil-karta bilanċjali tal-gvern.

### *3.1.3. Selfiet improduttivi*

Għall-2013, 23 minn 28 pajjiż ipprovdew l-informazzjoni dwar is-selfiet improduttivi tal-gvern ġenerali. Il-pajjiżi li fadal huma l-Belġju, Franza, il-Kroazja, Ċipru u s-Slovakkja.

---

[11] Iċ-ċifri tal-PDG ipprovduti matul il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv ta' Ottubru tal-2014 jintużaw għall-kalkolu tal-indikaturi.
[12] http://ec.europa.eu/eurostat/web/government-finance-statistics/data/database
[13] http://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/en/gov_cl_esms.htm u http://ec.europa.eu/eurostat/documents/1015035/6611302/Contingent-Liabilities-Footnotes-2015-02-10
[14] http://ec.europa.eu/eurostat/documents/2995521/6616449/2-10022015-AP-EN.pdf/d75df6fe-100b-4ae7-a09e-00400edb183a

Id-dejta mhijiex eżawrjenti għal Spanja billi ma tkoprix is-sottosettur tal-gvern lokali, u għall-Italja u għall-Finlandja, fejn ma jiġux irrappurtati s-selfiet improduttivi tal-fondi kemm tal-gvern lokali kif ukoll tas-sigurtà soċjali.

Għadd ta' pajjiżi pprovdew ukoll, b'mod volontarju, id-dejta dwar is-selfiet improduttivi mill-2010 sal-2012. Dawn il-pajjiżi kienu: il-Greċja, il-Latvja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

#### 3.1.4. *Obbligazzjonijiet ta' entitajiet ikkontrollati mill-gvern li huma kklassifikati barra mill-gvern ġenerali*

Il-pajjiżi kollha wieġbu l-kwestjonarju tal-Eurostat dwar l-entitajiet ikkontrollati mill-gvern li huwa l-bażi għall-kalkolu tas-serje ta' dejta dwar l-obbligazzjonijiet tal-entitajiet ikkontrollati mill-gvern li huma kklassifikati barra mill-gvern ġenerali. Għall-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, id-dejta tirreferi għall-2013 ħlief il-Ġermanja, Ċipru u sa ċertu punt l-Irlanda, fejn id-dejta tirreferi għall-2012. Il-maġġoranza tal-pajjiżi pprovdew dejta eżawrjenti li tkopri s-sottosetturi kollha tal-gvern ġenerali li jwettqu l-kontrolli. Madankollu, id-dejta ta' xi Stati Membri mhijiex eżawrjenti, billi ma tinkludix l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjonijiet finanzjarji u/jew l-obbligazzjonijiet ta' unitajiet ikkontrollati mill-gvern lokali.

B'mod partikolari għall-Greċja u għall-Irlanda, il-kopertura tad-dejta hija limitata għal korporazzjonijiet pubbliċi kkontrollati mill-gvern ċentrali. Fil-każ tal-Greċja u ta' Ċipru, hemm ukoll xi unitajiet ikkontrollati mill-gvern ċentrali li mhumiex irrappurtati fid-dejta. Fil-każ tal-Polonja, id-dejta ma tinkludix unitajiet li jimpjegaw inqas minn għaxar persuni.

Fil-każ tal-Belġju u ta' Ċipru, il-kopertura tal-gvern lokali mhijiex eżawrjenti.

Barra minn hekk, xi pajjiżi (il-Belġju, il-Greċja, Spanja, Ċipru u l-Lussemburgu) ma pprovdew l-ebda ċifra dwar l-istituzzjonijiet finanzjarji kkontrollati mill-gvern jew ipprovdew ċifri parzjali biss.

### 3.2. Kumparabbiltà tad-dejta

Minħabba l-karatteristiċi tagħha, id-dejta dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti hija speċifika għall-pajjiż u marbuta mill-qrib mal-partikolaritajiet nazzjonali li jirrigwardaw l-istruttura ekonomika, finanzjarja u ġuridika tal-pajjiż. Kif deskritt iktar 'il fuq u kif indikat ukol fin-noti f'qiegħ il-paġna dwar il-pajjiżi, li ġew ippubblikati mad-dejta, il-kopertura tad-dejta mhijiex kompleta għall-Istati Membri kollha. Għal dawn ir-raġunijiet, id-dejta għandha tiġi interpretata b'kawtela.

B'mod ġenerali, il-kumparabbiltà tal-garanziji tal-gvern, tas-selfiet improduttivi u tal-PPP barra l-karta bilanċjali hija sodisfaċenti, filwaqt li hija limitata fir-rigward tal-obbligazzjonijiet tal-korporazzjonijiet pubbliċi. Kif deskritt iktar 'il fuq, fil-każ ta' dan l-indikatur, id-dejta ta' xi Stati Membri mhijiex eżawrjenti, billi ma tinkludix l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjonijiet finanzjarji u/jew l-obbligazzjonijiet ta' unitajiet ikkontrollati mill-gvern lokali. B'mod partikolari, id-dejta turi differenzi sinifikanti bejn il-pajjiżi li inkludew l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjonijiet finanzjarji b'mod eżawrjenti (pereżempju l-Ġermanja, l-Irlanda, in-Netherlands, is-Slovenja) u l-pajjiżi li pprovdew dejta parzjali biss jew l-ebda dejta (il-Belġju, il-Greċja, Spanja, Ċipru u l-Lussemburgu).

Imbagħad, id-dejta rrappurtata għall-obbligazzjonijiet tal-korporazzjonijiet pubbliċi mhijiex konsolidata, li jfisser li parti mid-dejn ta' dawn l-unitajiet tista' tkun lejn entitajiet fl-istess grupp (id-dejn bejn unitajiet fl-istess grupp mhuwiex identifikabbli mid-dejta rrappurtata). Barra minn hekk, il-ġbir ta' dejta jirreferi biss għall-obbligazzjonijiet tal-entitajiet mingħajr ma jibbilanċjahom mal-assi. Dan l-aspett huwa importanti ħafna fil-każ tal-istituzzjonijiet finanzjarji li normalment ikollhom ammonti sinifikanti kemm ta' obbligazzjonijiet kif ukoll ta' assi. Barra minn hekk, għal xi wħud mill-Istati Membri, il-biċċa l-kbira tal-obbligazzjonijiet irrappurtati mill-istituzzjonijiet finanzjarji jirrigwardaw id-depożiti.

Wieħed irid isemmi wkoll li, fil-kompilazzjoni tal-obbligazzjonijiet tal-korporazzjonijiet pubbliċi, l-Istati Membri setgħu jagħżlu liema kunċett jużaw għar-rappurtar, jiġifieri jew il-kunċett tal-kontijiet kummerċjali jew il-kunċett tal-kontijiet nazzjonali. Skont id-definizzjonijiet tal-kontijiet kummerċjali, il-pajjiżi inkludew l-obbligazzjonijiet kollha mir-rapporti finanzjarji tal-kumpanija, fejn inkludew ukoll obbligazzjonijiet relatati mal-entrata "kontijiet pagabbli oħra". Il-maġġoranza tal-pajjiżi rrappurtaw l-obbligazzjonijiet billi segwew dan l-approċċ. Xi pajjiżi oħra (il-Belġju, Spanja, in-Netherlands, il-Portugall u s-Slovakkja) użaw il-kunċett tal-kontijiet nazzjonali (li ma jinkludix l-entrata "kontijiet pagabbli oħra") jew irrappurtaw entrati tad-dejn ta' Maastricht, jiġifieri l-munita u d-depożiti, it-titoli ta' dejn u s-selfiet.

## 4. Ġabriet ta' dejta Oħra mill-Eurostat

### 4.1. Obbligazzjonijiet kontinġenti tal-gvern lejn is-settur finanzjarju

Minn Ottubru tal-2009, l-Eurostat jiġbor b'mod regolari (darbtejn fis-sena, bħala parti minn kull notifika dwar l-EDP[15]) l-informazzjoni dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-gvern, permezz tat-"Tabella supplimentari għall-kriżi finanzjarja"[16]. Din tipprovdi dejta relatata mal-impatti attwali u potenzjali fuq id-defiċit u d-dejn tal-gvern, tal-appoġġ mogħti lill-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tat-taqlib finanzjarju.

L-informazzjoni dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-gvern marbuta mas-settur finanzjarju tiġi ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Eurostat[17], għal kull Stat Membru tal-UE, u tinkludi tabella sommarja bid-dejta aggregata għall-UE u għaż-żona tal-euro, u tkopri mill-2007 sal-2014.

### 4.2. Sorsi oħra ta' dejta tal-Eurostat

Xi dejta dwar il-garanziji tal-gvern kif ukoll il-PPP barra l-karta bilanċjali ġiet miġbura wkoll mill-Eurostat fit-tabelli tal-kwestjonarju dwar l-EDP (li mhumiex pubbliċi) ippreżentati man-notifika dwar l-EDP għal aktar minn għaxar snin. L-informazzjoni miġbura mhijiex għall-pubblikazzjoni iżda għal skopijiet interni tal-Eurostat marbuta mal-assigurazzjoni tal-kwalità tar-rappurtar dwar l-EDP. Barra minn hekk, id-dejta aggregata dwar il-garanziji tal-gvern kienet tinġabar bħala parti

[15] http://ec.europa.eu/eurostat/web/government-finance-statistics/excessive-deficit-procedure/edp-notification-tables

[16] Wara d-deċiżjoni tal-Eurostat tal-15 ta' Lulju 2009 dwar ir-reġistrazzjoni statistika tal-interventi pubbliċi tinġabar «tabella supplimentari» sabiex jiġu appoġġati l-istituzzjonijiet finanzjarji u s-swieq finanzjarji waqt il-kriżi finanzjarja. Għal aktar informazzjoni ara t-"Tabella supplimentari tal-Eurostat għall-kriżi finanzjarja: Nota ta' sfond (April tal-2015)" http://ec.europa.eu/eurostat/documents/1015035/2022710/Background-note-fin-crisis-Apr-2015-final.pdf

[17] http://ec.europa.eu/eurostat/web/government-finance-statistics/excessive-deficit/supplemtary-tables-financial-crisis

mill-"kwestjonarju dwar l-istruttura tad-dejn tal-gvern" annwali, li tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku tal-Eurostat madwar T+6 xhur wara t-tmiem tal-perjodu ta' referenza.[18]

Fl-aħħar nett, il-programm ta' trażmissjoni tal-ESA2010 jippermetti t-tressiq ta' tabelli supplimentari dwar l-obbligazzjonijiet tal-pensjoni lill-Eurostat. Id-dejta fit-tabella 29 tal-ESA tinġabar T+24 xahar wara t-tmiem tal-perjodu ta' referenza u f'intervalli ta' tliet snin. L-ewwel ġbir volontarju seħħ fl-aħħar tal-2014, filwaqt li l-ewwel ġbir obbligatorju se jseħħ fl-aħħar tal-2017.

## 5. KONKLUŻJONIJIET

Il-ġbir ta' dejta dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti fil-kuntest tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE għandu l-għan li jżid id-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar l-obbligazzjonijiet impliċiti tal-gvern ġenerali. Qabel l-implimentazzjoni tad-Direttiva, l-Eurostat kien jiġbor biss dejta parzjali u ġeneralment mhux pubblika dwar il-garanziji u l-PPP barra l-karta bilanċjali. Wara r-rapport tat-Task Force, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw l-informazzjoni rilevanti b'mod armonizzat u komprensiv. Ir-riżultati tal-ewwel ġbir ta' dejta mill-Eurostat juru li diġà kienu twettqu sforzi kbar mill-Istati Membri. Għall-maġġoranza tal-pajjiżi, hija disponibbli dejta sħiħa u ta' kopertura tajba għall-biċċa l-kbira tal-indikaturi. Xi pajjiżi għad iridu jagħmlu progress fir-rigward tal-kompletezza tad-dejta u l-kopertura, sabiex jinkludu l-unitajiet kollha fil-gvern ġenerali. B'mod partikolari, jeħtieġ li tiġi mtejba l-kopertura tad-dejta rrappurtata bħala bażi għall-kalkolu tal-obbligazzjonijiet totali tal-entitajiet ikkontrollati mill-gvern li huma kklassifikati barra mill-gvern ġenerali. Fil-preżent, numru ta' pajjiżi ma jirrappurtawx l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjonijiet finanzjarji kkontrollati mill-gvern u/jew l-obbligazzjonijiet tal-unitajiet ikkontrollati mill-gvern lokali. Barra minn hekk, tista' tiġi mtejba aktar id-disponibbiltà tal-metadejta ta' akkumpanjament sabiex l-utenti jkunu infurmati aħjar dwar il-karatteristiċi nazzjonali u l-limitazzjonijiet tad-dejta. L-Eurostat se jwettaq diskussjoni mal-Istati Membri dwar il-passi li jmiss li jridu jittieħdu f'dan ir-rigward. Se tiġi enfasizzata l-ħtieġa li jittejbu l-kopertura u l-kompletezza għall-ġbir ta' dejta li jmiss f'Diċembru 2015. Se tiġi investigata l-possibbiltà tal-ġbir armonizzat tal-metadejta.

Madankollu, f'dan l-istadju diġà, il-ġbir ta' dejta l-ġdid jirrappreżenta pass 'il quddiem lejn aktar trasparenza tal-finanzi pubbliċi fl-Unjoni Ewropea, billi jagħti stampa aktar komprensiva tal-pożizzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri tal-UE billi juri l-impatt potenzjali fuq il-baġits pubbliċi.

[18] Dan il-ġbir ta' dejta jkopri sentejn. Ara http://ec.europa.eu/eurostat/data/database, collection gov_dd_sgd. Id-dejta tal-ESA2010 se ssir disponibbli f'Ġunju tal-2015.

**Anness 1.Obbligazzjonijiet kontinġenti totali tal-gvern ġenerali u selfiet improduttivi fl-Istati Membri tal-UE, 2013** (% tal-PDG)

| | Garanziji tal-gvern | | | Obbligazzjonijiet pendenti relatati ma' sħubijiet pubbliċi-privati (PPP) barra l-karta bilanċjali | Obbligazzjonijiet ta' entitajiet ikkontrollati mill-gvern li huma kklassifikati barra mill-gvern ġenerali | Selfiet improduttivi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Total | Li minnhom: | | | | |
| | | Ta' darba | Standardizzati | | | |
| Il-Belġju[a] | 13.29 | 13.29 | : | 0.15 | 11.41 | : |
| Il-Bulgarija | 0.75 | 0.70 | 0.04 | 0.00 | 12.83 | 0.07 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 1.19 | 1.19 | 0.00 | 0.00 | 15.48 | 0.09 |
| Id-Danimarka[a] | 9.18 | 9.10 | 0.07 | 0.13 | 27.17 | 0.22 |
| Il-Ġermanja[a] | 18.22 | 18.03 | 0.19 | - | 126.26 | 0.29 |
| L-Estonja | 1.71 | 0.00 | 1.71 | 0.23 | 8.93 | 0.00 |
| L-Irlanda[a] | 32.14 | 32.14 | 0.00 | 2.82 | 64.51 | 11.40 |
| Il-Greċja[a] | 3.67 | 3.61 | 0.06 | 0.01 | 6.82 | 0.00 |
| Spanja[a] | 18.41 | 18.41 | : | 0.28 | 12.46 | 0.19 |
| Franza[a] | 5.53 | 3.54 | 1.99 | 0.00 | 46.90 | : |
| Il-Kroazja[a] | 7.25 | 7.25 | : | 0.13 | 15.90 | : |
| L-Italja[a] | 6.10 | 5.41 | 0.68 | 0.02 | 45.45 | 0.00 |
| Ċipru[a] | 15.85 | 15.85 | 0.00 | 4.85 | 10.40 | : |
| Il-Latvja | 2.31 | 1.85 | 0.47 | 0.03 | 30.65 | 0.13 |
| Il-Litwanja[a] | 0.82 | 0.73 | 0.10 | 0.00 | 7.28 | 0.15 |
| Il-Lussemburgu[a] | 7.72 | 6.95 | 0.77 | 0.00 | 1.63 | 0.00 |
| L-Ungerija | 8.03 | 7.70 | 0.34 | 2.18 | 14.72 | 0.05 |
| Malta[a] | 15.88 | 15.88 | 0.00 | 0.09 | 31.16 | 0.00 |
| In-Netherlands | 7.22 | 6.75 | 0.47 | 0.39 | 107.15 | 0.70 |
| L-Awstrija[a] | 35.01 | 35.01 | 0.00 | 0.04 | 36.15 | 0.08 |
| Il-Polonja[a] | 6.80 | 6.51 | 0.29 | 0.00 | 25.84 | 0.18 |
| Il-Portugall[a] | 11.97 | 11.97 | : | 5.12 | 51.79 | 1.50 |
| Ir-Rumanija[a] | 2.15 | 0.81 | 1.34 | 0.00 | 9.92 | 0.00 |
| Is-Slovenja[a] | 17.82 | 17.82 | 0.00 | 0.00 | 93.30 | 2.83 |
| Is-Slovakkja | 0.03 | 0.03 | 0.00 | 1.44 | 3.88 | : |
| Il-Finlandja[a] | 24.08 | 23.27 | 0.81 | 0.03 | 35.96 | 0.07 |
| L-Iżvezja | 11.56 | 11.56 | 0.00 | 0.00 | 34.50 | 0.80 |
| Ir-Renju Unit[a] | 9.47 | 9.47 | 0.00 | 1.89 | 60.88 | 0.77 |

[a] Ara n-Noti dettaljati speċifiċi għall-pajjiż f'qiegħ il-paġna li huma disponibbli fis-sit elettroniku tal-Eurostat; : dejta mhux disponibbli - mhux applikabbli